# Opri Artistiċi fil-Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun

— *Jitkellem Tony Terribile* —



**● Kull darba li nirfes l-għatba tal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu tal-Ħamrun, inqis ruħi dieħel f'mużew tal-pittur Emvin Cremona.**

Personalment nara li din il-knisja hija l-isbaħ monument tal-kapaċitajiet kbar ta' dan l-artist Malti. F'din il-knisja Emvin Cremona poġġa qalbu. Fiha tinħass il-ġenwinità ta' dan l-artist.

Emvin Cremona twieled il-Belt fl-1919 u miet fl-1987. Għalkemm illum mejjet Cremona għadu ħaj bil-ħafna xogħlijiet li ħallielna fil-knejjes tagħna bħal m'huma l-Imsida, il-Furjana, Ħal Għaxaq, Ħal Balzan, iż-Żebbuġ Għawdex, Santu Wistin u San Pawl tal-Belt, San Girgor Tas-Sliema u f'oħrajn.

Ma' dawn ix-xogħlijiet insemmu l-kontribut kbir li ta Emvin Cremona fil-qasam tad-disinji tal-Bolli tal-Posta ta' Malta. Il-bolli ta' Cremona poġġew isem Malta fl-ogħla postijiet tal-filatelisti internazzjonali.

Personalment nara li fost dawn ix-xogħlijiet, il-knisja tal-Ħamrun tiżboqhom kollha. Għalhekk il-poplu Ħamruniż għandu għaliex ikun kburi b'din il-biċċa xogħol kbira li ħalla f'din il-knisja.



**Il-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu (Ritratt: Tufigno Photo & Video Services)**

Barra dan ix-xogħol ta' Cremona, fil-knisja parrokkjali tal-Ħamrun wieħed jista' jammira bosta xogħlijiet artistiċi oħra. Għalhekk din iż-żjara li se nagħmlu flimkien f'din il-knisja Parrokkjali żgur li se tgħin lill-poplu tal-Ħamrun biex japprezza aktar dawn ix-xogħlijiet sbieħ.

Nibdew l-ewwelnett mill-kwadru titulari. Dan hu xogħol il-pittur Ruman Pietro Gagliardi. Fih naraw l-arma tal-Isqof Gaetano Pace Forno, benefattur kbir tal-Ħamrun. F'dan il-kwadru tinħass sewwa l-finezza tax-xogħol ta' dan il-pittur. Gagliardi twieled f'Ruma fl-1809 u ġie Malta permezz ta' Monsinjur Pietru Pawl Pullicino. F'Malta ħadem bosta xogħlijiet oħra. Fil-knisja tal-Ħamrun, ħadem ukoll il-kwadru sabiħ ta' Marija Addolorata. Xogħol ieħor tiegħu insibuh fil-knejjes ta' Ħal Tarxien, il-Gudja, il-Katidral ta' l-Imdina, f'Santu Rokku l-Belt u f'oħrajn.



**L-istatwa tar-Redentur....xogħol l-istatwarju Carlo Darmanin.**
**(Ritratt: Tufigno Photo & Video Services)**

Fl-istess żminijiet inħadem kwadru ieħor sabiħ għal din il-knisja – Sant Antnin.

Dan tpitter minn Domenico Bruschi, pittur ieħor Taljan minn Perugia li twieled fl-1840. F'dan il-kwadru, barra lil Sant Antnin wieħed jara bosta anġli. Hu kwadru movimentat u mżewwaq b'bosta ilwien sbieħ u b'hekk qegħdin jiffurmaw kompożizzjoni sabiħa. Bruschi, li miet fl-1910, ħallielna kwadri oħra fil-knejjes tagħna fosthom f'Santu Wistin u tal-Pilar tal-Belt, il-Lunzjata tal-Katidral ta' l-Imdina, is-saqaf tas-sagristija tal-katidral t'Għawdex, fil-knisja tal-Gudja u oħrajn.

Il-pittur Ġużeppi Calì huwa wkoll rappreżentat fil-knisja tal-Ħamrun permezz ta' tlett kwadri: il-Madonna tal-Karmnu, id-Duttrina u San Ġużepp. Huma tlett kwadri li huma l-isbaħ xhieda tal-kapaċità artistika ta' dan il-pittur.

Meta wieħed jifli l-kwadri ta' Gagliardi, Bruschi u t-tlieta ta' Calì, jinduna li Calì kellu ħafna mill-kwalitajiet ta' dawn l-artisti barranin.

Xogħol ieħor Taljan fil-knisja tal-Ħamrun huwa l-kwadru ta' Santa Apollonia. Il-kult ta' din il-qaddisa ma tantx hu komuni f'dawn il-gżejjer. Personalment naf b'żewġ xbihat oħra ta' din il-qaddisa: waħda fil-knisja ta' San Ġwann fis-Siġġiewi u oħra f'panew intarsjat tal-Katidral il-qadim.

Din il-pittura tal-knisja tal-Ħamrun saret fl-1874 minn Anna Forti. Hi pittriċi li ftit li xejn nafu dwarha, u sa fejn naf jien hu l-uniku xogħol tagħha f'dawn il-gżejjer.

Meta wieħed jidħol fil-knisja tal-Ħamrun l-ewwel kwadru ta' taħt in-navi fuq in-naħa tal-lemin jirrappreżenta lil San Benedittu u l-oħtu Santa Skolastika. Bla dubju ta' xejn hu wieħed mill-aqwa kwadri li nsibu f'din il-knisja. Dan hu

xogħol Giuseppe Di Giovanni li kien pittur Palermitan tat-tieni nofs tas-seklu dsatax. Insibu bosta xogħlijiet tiegħu fi Sqallija.

Fl-1960, fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji Pawlini, kienet saret wirja ta' l-arti sagra Maltija fl-Istitut Kattoliku l-Furjana. Dan il-kwadru kien ittieħed f'din il-wirja u kien wieħed mill-kwadri esibiti. Fil-katalgu ta' din il-wirja (paġni 98 u 99) insibu deskrizzjoni tajba ta' dan il-kwadru magħmula minn Ċensu Bonello, kritiku ta' l-arti. Fost id-deskrizz-joni insibu hekk " A good example of Sacred nine-teenth century painting, planned with simplicity and economy of means."



**Il-Knisja ta' San Gejtanu fiha diversi opri artistiċi, fosthom il-pittura ta' Emvin Cremona.**

Pittur ieħor Malti li hu rappreżentat f'din il-knisja huwa l-pittur Ġużeppi Briffa. Hawnhekk hu ħadem iż-żewġ pitturi tawwalija li nsibu fuq il-bibien tal-ġnub. Fihom naraw żewġ episodji mill-ħajja ta' San Gejtanu. Il-pittur Briffa twieled Birkirkara fl-1901 u miet fl-1987. Ix-xogħlijiet tiegħu nsibuhom fil-knisja parrokkjali u fil-knejjes ta' San Pawl u tal-Ħerba f'Birkirkara, f'Ħal Kirkop, f'Kerċem u f'postijiet oħra. L-aqwa tiegħu, kien is-saqaf tal-knisja ta' l-Isla li nqered bil-gwerra.

Fost il-kwadri ta' din il-knisja, l-anqas wieħed ta' preġju artistiku huwa l-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju. Dan tpitter minn Ġużeppi Bonnici. Kien mill-Isla u għex lejn tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu tagħna. Ma kienx

xi pittur kbir iżda x-xogħlijiet tiegħu insibuhom fil-knejjes ta' Marsalforn, Ħ'Attard, l-Isla u f'Santa Luċija tal-Belt.

Fis-sagristija, fost il-kwadri tal-kappillan nsibu l-kwadru tal-kappillan Muscat. Dan hu xogħol il-pittur Ġużeppi Duca li kien magħruf ħafna bħala ritrattista.

Żewġ kwadri 'anonimi', għaliex mhux magħruf l-awtur tagħhom u li jinsabu f'din il-knisja, huma l-kwadri tal-Madonna ta' Lourdes u tal-Madonna taċ-Ċintura. Dan l-aħħar kwadru hu ferm eqdem mill-ieħor u jista' jkun li nġieb hawn minn xi knisja oħra. Kemm hu hekk il-parti t'isfel tidher miżjuda. Hu kwadru interessanti li jista' jkun li kellu xi rabta ma' l-Isqof Gaetano Pace Forno.

B'xorti tajba l-knisja tal-Ħamrun hija wkoll imżejna b'numru sabiħ ta' statwi sbieħ, artistiċi u storiċi u kif ukoll devoti. Fost dawn insibu l-istatwa ta' Ġesù Redentur, li kif inġieb jingħadu ħafna ħwejjeġ. Żgur iżda li hu qadim, sabiħ u devot.

L-istatwa titulari hi opra sabiħa ta' Carlo Darmanin. Kien artist Senglean li kellu rabta kbira mal-Ħamrun fejn kien jgħix u miet fl-ewwel snin ta' dan is-seklu. Barra din l-istatwa hu ħadem l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju tad-Duluri u l-Ecce Homo.

Statwa oħra sabiħa fil-knisja tal-Ħamrun hija l-istatwa ta' San Ġużepp. Mhux magħruf eżatt min ħadimha iżda jiena nasal biex ngħid li jista' jkun li hi xogħol Gerolamo Darmanin li kien qarib ta' Carlo Darmanin. Dan l-istatwarju ħadem bosta xogħlijiet.

Meta wieħed iqabbel ix-xogħlijiet ta' dan l-artist ma' din l-istatwa ta' San Ġużepp jinduna li jeżistu ħafna affarijiet li huma komuni. Gerolamo Darmanin hu l-awtur ta' tlett statwi oħra ta' San Ġużepp li jinsabu l-Isla, in-Naxxar u Ħaż-Żebbuġ. It-tifsila tar-ras ta' dawn it-tlett statwi hi l-istess u meta wieħed iqabbel ix-xogħol ma' ras San Ġużepp tal-Ħamrun ma' dawn it-tlieta jara li hemm xogħol simili.

L-istess nistgħu ngħidu għad-dettalji tal-minkeb tal-lemin li fuqu jistrieħ il-Bambin. B'dawn il-ħwejjeġ imqabbla ma' xulxin wieħed jista' jasal għal konklużjoni li din l-istatwa tista' tkun xogħol ieħor sabiħ ta' Gerolamo Darmanin.

Xogħol ieħor artistiku fil-knisja tal-Ħamrun hija l-bradella ta' San Gejtanu. Din ġiet magħmula minn Carmelo Theuma. Hija biċċa xogħol sabiħa kif inhu l-bankun tal-quddiesa kantata u l-bankun tas-sagristija li fuqu tidher l-arma ta' l-Arċisqof Dom Mauro Caruana.

Opra oħra sabiħa u imprezzabli huwa l-apparat tal-festa magħmul minn lama sabiħa u bir-rakkmu tad-deheb. Dan l-apparat inħadem f'Lyons fi Franza u bla dubju hu fost l-isbaħ apparati li nsibu fil-knejjes tagħna.

Fil-knisja tal-Ħamrun insibu numru ta' fided li wħud minnhom huma xogħol tal-arġentiera Cannataci. Fost dawn il-fided jiġbed ħafna l-attenzjoni l-lampier sabiħ tal-fidda, li dan, flimkien mal-linef, il-pittura, il-ħwejjeġ l-oħra li rajna flimkien, qed jagħmlu mill-knisja tal-Ħamrun, knisja oħra sabiħa, b'numru sabiħ ta' opri artistiċi fiha.

**Tony Terribile**